**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1291/2008

## tat-18 ta' Diċembru 2008

## dwar l-approvazzjoni ta' programmi ta' kontroll tas-salmonella f'ċerti pajjiżi terzi skond ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-elenkar ta' programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur f'ċerti pajjiżi terzi u li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 340, 19.12.2008, p. 22)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 364/2011 tat-13 ta' April 2011 | L 100 | 30 | 14.4.2011 |
| ►M2 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013 | L 158 | 74 | 10.6.2013 |

▼B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1291/2008

## tat-18 ta' Diċembru 2008

## dwar l-approvazzjoni ta' programmi ta' kontroll tas-salmonella f'ċerti pajjiżi terzi skond ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-elenkar ta' programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur f'ċerti pajjiżi terzi u li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tjue u bajd tat-tfaqqis minn pajjiżi terzi [1], b'mod partikolari l-Artikolu 21(1), l-Artikolu 22(3) l-Artikolu 23, l-Artikolu 24(2) u l-Artikoli 26 u 27a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman [2], b'mod partikolari l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 9(2)(b) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel [3], b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir transitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja [4] jipprovdi li l-komoditajiet koperti b'dak ir-Regolament għandhom ikunu importati biss fi jew fi transitu mill-Komunità mill-pajjiżi terzi, it-territorji, iż-żoni jew il-kumpartimenti elenkati fit-tabella tal-Parti 1 fl-Anness I tiegħu. Dan jistipula wkoll ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għal dawn il-komoditajiet, filwaqt li l-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji li jakkumpanjawhom huma stabbiliti fil-Parti 2 ta' dak l-Anness. Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

---

[1] ĠU L 303, 31.10.1990, p. 6.
[2] ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
[3] ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1.
[4] ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1.

▼B

(2) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jipprovdi li, fejn fiċ-ċertifikat hemm ħtieġa għal programm ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur, il-komoditajiet għandhom ikunu importati biss fil-Komunità minn dawk il-pajjiżi terzi, it-territorji, iż-żoni jew il-kumpartimenti li għal perjodu ta' mill-anqas sitt xhur kellhom fis-seħħ tali programm u sakemm dan il-programm jissodisfa r-rekwiżiti stipulati f'dak l-Artikolu u huwa indikat fil-kolonna 7 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I għal dak ir-Regolament.

(3) Il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċili, il-Kroazja, l-Afrika t'Isfel, l-Isvizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika ssottomettew il-programmi tagħhom ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur lill-Kummissjoni biex tevalwawhom. Il-Kummissjoni eżaminat dawk il-programmi u dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 798/2008. Għaldaqstant, dawk il-programmi għandhom jiġu indikati fil-kolonna 7 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I għal dak ir-Regolament.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jistipula r-regoli għall-kontroll tas-*Salmonella* u ta' aġenti żootiċi oħra f'popolazzjonijiet differenti ta' tjur fil-Komunità. Dan jipprovdi għall-miri Komunitarji biex il-prevalenza tas-serotipi kollha tas-*Salmonella* ta' importanza għas-saħħa pubblika titnaqqas minn popolazzjonijiet differenti ta' tjur. Mid-dati msemmija fl-Anness I, il-kolonna 5 ta' dak ir-Regolament, l-aċċettazzjoni jew iż-żamma fil-lista tal-pajjiżi terzi previsti fil-liġi Komunitarja, għall-ispeċi jew il-kategoriji rilevanti, li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati biex jimportaw dawk l-annimali jew il-bajd tat-tfaqqis koperti b'dan ir-Regolament, għandhom ikunu soġġetti għal programm ta' kontroll li l-pajjiż terz ikkonċernat jissottometti lill-Kummissjoni. Tali programm għandu jkun ekwivalenti għal dawk sottomessi mill-Istati Membri u soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

(5) Il-Kroazja ssottomettiet lill-Kummissjoni l-programmi tagħha għall-kontroll fis-*Salmonella* fi tjur tat-tgħammir tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, fil-bajd tat-tfaqqis tagħhom, f'tiġieġ tal-bajd tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, fil-bajd tal-ikel tagħhom u fi flieles ta' ġurnata tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* intiżi għat-tgħammir u biex ibidu. Dawn il-programmi jfornu garanziji ekwivalenti għall-garanziji previsti fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003. Għalhekk, dawn għandhom ikunu approvati.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/843/KE ([1]) approvat il-programmi ta' kontroll li ssottomettew l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Iżrael, il-Kanada u t-Tuneżija fir-rigward tas-*Salmonella* f'qatgħat ta' tiġieġ tat-tgħammir. L-Istati Uniti tal-Amerika issa ssottomettiet lill-Kummissjoni l-programm addizzjonali tagħha għall-kontroll tas-*Salmonella* fil-flieles ta' ġurnata tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, intiżi għall-bajd jew għassimna. Dan il-programm iforni garanziji ekwivalenti għal dawk previsti fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003. Għalhekk, dan għandu jkun approvat. L-Iżrael iċċara li l-programm tiegħu għall-kontroll tas-*Salmonella* japplika biss għall-katina tal-produzzjoni tal-laħam tal-brojler.

([1]) ĠU L 332, 18.12.2007, p. 81.

▼B

(7) Fil-qafas tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli [1], l-Isvizzera ssottimettiet lill-Kummissjoni l-programmi tagħha għall-kontroll tas-*Salmonella* fi tjur tat-tgħammir tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, fil-bajd tat-tfaqqis tagħhom, f'tiġieġ tal-bajd tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, fil-bajd tal-ikel tagħhom, fi flieles ta' ġurnata tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, intiżi għat-tgħammir jew għall-bajd u għall-brojlers. Dawk il-programmi jfornu garanziji simili għal dawk previsti fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003. Għal raġunijiet ta' ċarezza, dan għandu għaldaqstant ikun rifless fil-kolonna 9 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I għal dak ir-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(8) Ċerti pajjiżi terzi oħra li bħalissa huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għadhom ma ressqu l-ebda programm ta' kontroll tas-*Salmonella* lill-Kummissjoni, jew il-programmi mressqa diġà ma jipprovdux garanziji ekwivalenti għal dawk previsti fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003. Peress li r-rekwiżiti li jikkonċernaw it-tjur tat-tgħammir u tjur produttiv tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, il-bajd tagħhom u l-flieles ta' ġurnata tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, previsti fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003, għandhom japplikaw fil-Komunità mill-1 ta' Jannar 2009, l-importazzjonijiet ta' dawn it-tjur jew il-bajd għandhom, għalhekk, ma jkunux aktar awtorizzati minn dawk il-pajjiżi terzi wara dik id-data. Għalhekk, il-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandha tkun emendata kif jixraq.

(9) Sabiex ikunu pprovduti garanziji ekwivalenti għal dawk previsti fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003, il-pajjiżi terzi, li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw tjur għall-qatla tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, għandhom jiċċertifikaw li l-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* ġie applikat għall-qatgħa tal-oriġini u li l-qatgħa ġiet ittestjata għall-preżenza tas-serotipi tas-*Salmonella* ta' importanza għas-saħħa pubblika.

(10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2006 tal-1 ta' Awwissu 2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti għall-użu ta' metodi speċifiċi ta' kontroll fil-qafas tal-programmi nazzjonali ta' kontroll għall-kontroll tas-salmonella fit-tjur [2] jistabbilixxi ċerti regoli għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fil-qafas tal-programmi nazzjonali ta' kontroll.

(11) Il-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw it-tjur għall-qatla tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* għandhom jiċċertifikaw li r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini previsti fir-Regolament (KE) Nru 1177/2006 ikunu ġew applikati. Jekk intużaw l-antimikrobiċi għal finijiet oħra minflok għall-kontroll tas-*Salmonella*, billi dan l-użu jista' jinfluwenza l-ittestjar għas-*Salmonella* fl-importazzjoni, dan għandu jkun indikat fiċ-ċertifikat veterinarju. Il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-importazzjoni tat-tjur għall-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid tat-tjur tal-kaċċa minbarra għasafar li ma jtirux kif stipulat fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

[1] ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.
[2] ĠU L 212, 2.8.2006, p. 3.

▼B

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

▼M2

_____

▼B

*Artikolu 2*

Il-programm ta' kontroll sottomess mill-Istati Uniti tal-Amerika lill-Kummissjoni fis-6 ta' Ġunju 2006 skond l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 qed ikun approvat fir-rigward tas-*Salmonella* fi flieles ta' ġurnata tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* intiżi għall-bajd jew għas-simna.

*Artikolu 3*

Il-programmi ta' kontroll sottomessi mill-Isvizzera lill-Kummissjoni fis-6 ta' Ottubru 2008 jfornu garanziji simili għal dawk previsti fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 fir-rigward tas-*Salmonella* fi tjur tat-tgħammir tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, il-bajd tat-tfaqqis tagħhom, tiġieġ tal-bajd tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, il-bajd tal-ikel tagħhom, u flieles ta' ġurnata tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* intiżi għat-tgħammir jew għall-bajd u għall-brojlers.

*Artikolu 4*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008 qed ikun emendat skond l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008 qed ikun emendat kif ġej:

(1) Il-Parti 1 tinbidel b'dan li ġej:

"PARTI 1

**Lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti**

| Kodiċi ISO u isem tal-pajjiż terz jew territorju | Kodiċi tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment | Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment | Ċertifikat veterinarju | | Kondizzjonijiet speċifiċi | Kondizzjonijiet speċifiċi | | Stejtus ta' sorveljanza tal-influwenza tat-tjur | Stejtus tat-tilqim tal-influwenza tat-tjur | Stejtus tal-kontroll tas-salmonella |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Mudell(i) | Garanziji addizzjonali | | Data tal-għeluq (1) | Data tal-ftuħ (2) | | | |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6A | 6B | 7 | 8 | 9 |
| AL – L-Albanija | AL-0 | Il-pajjiż kollu | EP, E | | | | | | | S4 |
| AR – L-Arġentina | AR-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | POU, RAT, EP, E | | | | | A | | S4 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| AU – L-Awstralja | AU-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | | | BPP, DOC, HEP, SRP | | | | | | | S0 |
| | | | BPR | I | | | | | | |
| | | | DOR | II | | | | | | |
| | | | HER | III | | | | | | |
| | | | POU | VI | | | | | | |
| | | | RAT | VII | | | | | | |

▼B

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6A | 6B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BR – Il-Brażil | BR-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | BR-1 | L-Istati ta':<br>Rio Grande do Sul, Santa Catarina, Paraná, São Paulo u Mato Grosso do Sul | RAT, BPR, DOR, HER, SRA | | | | | A | | |
| | BR-2 | L-Istati ta':<br>Mato Grosso, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo | BPP, DOC, HEP, SRP | | | | | | | S0 |
| | BR-3 | Distrito Federal u l-Istati ta':<br>Goiás, Minas Gerais, Mato Grosso, Mato Grosso do Sul, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | EP, E, POU | | | | | | | S4 |
| BW – Il-Botswana | BW-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | | | BPR | I | | | | | | |
| | | | DOR | II | | | | | | |
| | | | HER | III | | | | | | |
| | | | RAT | VII | | | | | | |

▼B

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6A | 6B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| CA – Il-Kanada | CA-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP | | | | | A | | S1 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | POU, RAT | | | | | | | |
| CH – L-Iżvizzera | CH-0 | Il-pajjiż kollu | (3) | | | | | A | | (3) |
| CL – Iċ-Ċili | CL-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP | | | | | A | | S0 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | POU, RAT | | | | | | | |
| CN – Iċ-Ċina | CN-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| | CN-1 | Il-Provinċja ta' Shandong | POU, E | VI | P2 | 6.2.2004 | — | | | S4 |
| GL – Greenland | GL-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, WGM | | | | | | | |
| HK – Ħong Kong | HK-0 | It-territorju kollu tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Ħong Kong | EP | | | | | | | |

▼B

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6A | 6B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ▼M2 _____ | | | | | | | | | | |
| ▼B IL – L-Iżrael | IL-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP | | | | | A | | S1 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | EP, E, POU, RAT | | | | | | | S4 |
| IN – L-Indja | IN-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| IS – L-Iżlanda | IS-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| KR – Ir-Repubblika tal-Korea | KR-0 | Il-pajjiż kollu | EP, E | | | | | | | S4 |
| ME – Il-Montenegro | ME-O | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| MG – Il-Madagaskar | MG-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E, WGM | | | | | | | S4 |

▼B

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6A | 6B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| MY – Il-Malażja | MY-0 | — | — | | | | | | | |
| | MY-1 | Peninżulari tal-Punent | EP | | | | | | | |
| | | | E | | P2 | 6.2.2004 | | | | S4 |
| MK – L-Eks Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja ([4]) | MK-0 ([4]) | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| MX – Il-Messiku | MX-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP | | | | | | | |
| NA – In-Namibja | NA-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | BPR | I | | | | | | |
| | | | DOR | II | | | | | | |
| | | | HER | III | | | | | | |
| | | | RAT, EP, E | VII | | | | | | S4 |
| NC – In-New Caledonia | NC-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| NZ – In-New Zealand | NZ-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP | | | | | | | S0 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | EP, E, POU, RAT | | | | | | | S4 |

▼B

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6A | 6B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PM – Saint Pierre u Miquelon | PM-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| RS – Is-Serbja (5) | RS-0 (5) | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| RU – Il-Federazzjoni Russa | RU-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| SG – Is-Singapor | SG-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| TH – It-Tajlandja | TH-0 | Il-pajjiż kollu | SPF, EP | | | | | | | |
| | | | WGM | VIII | P2 | 23.1.2004 | | | | |
| | | | E, POU, RAT | | P2 | 23.1.2004 | | | | S4 |
| TN – It-Tuneżija | TN-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | DOR, BPR, BPP, HER | | | | | | | S1 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | EP, E, POU, RAT | | | | | | | S4 |
| TR – It-Turkija | TR-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | E, EP | | | | | | | S4 |
| US – L-Istati Uniti | US-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP | | | | | A | | S3 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | EP, E, POU, RAT | | | | | | | S4 |
| UY – L-Urugwaj | UY-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E, RAT | | | | | | | S4 |

▼B

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6A | 6B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ZA – L-Afrika t'Isfel | ZA-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | | | BPR | I | | | | A | | |
| | | | DOR | II | | | | | | |
| | | | HER | III | | | | | | |
| | | | RAT | VII | | | | | | |
| ZW – Iż-Żimbabwe | ZW-0 | Il-pajjiż kollu | RAT | VII | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |

([1]) Komoditajiet, inklużi dawk ittrasportati fl-ibħra internazzjonali, manifatturati qabel din id-data jistgħu jiġu importati fil-Komunità matul perjodu ta' 90 ġurnata minn din id-data.
([2]) Komoditajiet biss li jiġu manifatturati wara din id-data jistgħu jiġu importati fil-Komunità.
([3]) Skont il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).
([4]) L-Eks Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja; il-kodiċi provviżorju li ma jippreġudika bl-ebda mod in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li għandu jsir qbil dwarha wara l-konklużjoni tan-negozjati li qed isiru bħalissa dwar dan is-suġġett fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti.
([5]) Ma jinkludux il-Kosovo, kif definit bir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti Nru 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999."

▼B

(2) Parti 2 qed tkun emendata kif ġej:

(a) fit-Taqsima dwar il-"Garanziji Addizzjonali (AG)", il-punt IV huwa mħassar;

(b) it-Taqsima dwar il-"programm ta' kontroll tas-Salmonella" qed tinbidel b'dan li ġej:

*"Programm ta' Kontroll tas-Salmonella:*

'S0' Il-projbizzjoni biex jiġu esportati fil-Komunità tjur tat-tgħammir jew produttiv (BPP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, flieles ta' ġurnata (DOC) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, tjur tal-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid (SRP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* u bajd tat-tfaqqis (HEP) tal-ispeċi *Gallus gallus* għaliex il-programm ta' kontroll rilevanti għas-Salmonella ma ġiex sottomess lill-Kummissjoni jew inkella approvat minnha skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

'S1' Projbizzjoni biex jiġu esportati fil-Komunità tjur tat-tgħammir jew produttiv (BPP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, flieles ta' ġurnata (DOC) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* u tjur tal-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid (SRP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* għal finijiet oħra għajr it-tgħammir, għaliex il-programm ta' kontroll rilevanti għas-Salmonella ma ġiex sottomess lill-Kummissjoni jew inkella approvat minnha skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

'S2' Projbizzjoni biex jiġu esportati fil-Komunità tjur tat-tgħammir jew produttiv (BPP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, flieles ta' ġurnata (DOC) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* u tjur tal-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid (SRP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* għal finijiet oħra għajr it-tgħammir jew għall-bajd, għaliex il-programm ta' kontroll rilevanti għas-Salmonella ma ġiex sottomess lill-Kummissjoni jew inkella approvat minnha skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

'S3' Projbizzjoni biex jiġu esportati fil-Komunità tjur tat-tgħammir jew produttiv (BPP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* u tjur tal-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid (SRP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* għal finijiet oħra għajr it-tgħammir, għaliex il-programm ta' kontroll rilevanti għas-Salmonella ma ġiex sottomess lill-Kummissjoni jew inkella approvat minnha skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

'S4' Projbizzjoni biex jiġu esportati fil-Komunità bajd (E) tal-ispeċi *Gallus gallus* minbarra bajd tal-klassi B skont ir-Regolament (KE) Nru 557/2007 għaliex il-programm ta' kontroll rilevanti għas-Salmonella ma ġiex sottomess lill-Kummissjoni jew inkella approvat minnha skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003."

(ċ) il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju għat-tjur għall-qatla u għat-tjur għall-istokkjar mill-ġdid għajr l-għasafar li ma jtirux (SRP) qed jinbidel b'dan li ġej:

▼B

**“Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għat-tjur tal-qatla u għat-tjur għall-istokkjar mill-ġdid ta’ għasafar tal-kaċċa minbarra l-għasafar li ma jtirux (SRP)**

**PAJJIZ** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettaljo taċ-kunsinja mibgħuta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br><br>Indirizz<br><br>Tel. No | | I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza | I.2.a. |
| | | I.3. Awtorita Centrali kompetenti | |
| | | I.4. Awtorita lokali kompetenti | |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br><br>Indirizz<br>Kodici Postali<br>Tel. No | | I.6. | |
| I.7. Pajjiz ta' origini Kodici ISO | I.8. Regjun ta' origini Kodici | I.9. Pajjiz ta' destinazzjoni Kodici ISO | I.10. |
| I.11. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' hsad<br>Isem Numru approvat<br>Indirizz<br>Isem Numru approvat<br>Indirizz<br>Isem Numru approvat<br>Indirizz | | I.12. | |
| I.13. Post ta' tghabija<br>Indirizz Numru approvat | | I.14. Data tat-tluq Ħin tat-tluq | |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐<br>Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi Dokumentarji: | | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br><br>I.17. Nru.(Nri) tas-CITES | |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | | I.19. Deskrizzjoni tal-prodott | I.20. Numru/Kwantita |
| I.21. | | | I.22. Numru/Kwantita |
| I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' sigill | | | I.24. |
| I.25. Prodotti ċċertifikati<br>Qatla ☐ Restocking tal-priza ☐ | | | |
| I.26. | | I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐ | |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti<br>Speċi (Isem xjentifiku) Kwantità | | | |

▼B

**PAJJIŻ**

**SRP (tjur għall-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid ta ' għasafar tal-kaċċa għajr l-għasafar li ma jtirux)**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| II. | Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Numru tar-referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|

**II.1 Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b ' dan niċċertifika li t-tjur ([1]) deskritti f ' dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 90/539/KEE;

II.1.2 baqgħu fi:

([2])([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3])([4]) *jew* [il-kumpartiment(i) .....;]

fgħal mill-inqas sitt ġimgħat jew mindu faqqsu jekk għandhom inqas minn sitt ġimgħat qabel l-importazzjoni fil-Komunità. Fejn ġew impurtati fil-pajjiż, territorju, żona jew kumpartiment tal-oriġini, dan sar skont il-kundizzjonijiet veterinarji talanqas stretti daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 90/539/KEE u kull Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 ġejjin minn:

([2])([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3])([4]) *jew* [il-kumpartiment(i) .....;]

(a) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma kellhomx il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

(b) fejn isir programm ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.4 ġejjin minn:

([2])([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3])([4]) *jew* [kumpartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellhomx l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellhomx l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u

([3]) *jew* [(a) it-tjur ġejjin minn xi stabbiliment li fih fil-21 ġurnata qabel l-importazzjoni fil-Komunità saret is-sorveljanza għall-influwenza tat-tjur b'riżultati negattivi;]

([3]) *jew* [(a) matul l-aħħar 21 ġurnata qabel l-importazzjoni lejn il-Komunità t-tjur inżammu separatament minn tjur oħra u sar test tal-għarfien tal-vajrus b'riżultati tal-ittestjar negattivi għall-influwenza tat-tjur fuq kampjun bl-addoċċ ta' tajjar bil-ħmieġ u traċeali/jew orofariġeali meħud minn talanqas 60 tajra fil-kunsinna jew mit-tjur kollha jekk hemm inqas minn 60 fil-kunsinna;]

(b) it-tjur ġejjin minn stabbiliment:

— li madwaru f'raġġ ta' 1 km ma kienx hemm l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fl-aħħar 30 ġurnata fl-ebda stabbiliment;

— fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' stabbiliment fejn ġiet skoperta l-influwenza tat-tjur fl-aħħar 30 ġurnata;]

II.1.5 ġejjin minn qatgħa fejn ma sarx it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur;

II.1.6 inżammu mindu faqqsu jew talanqas għat-30 ġurnata ta' qabel fl-istabbiliment(i) tal-oriġini;

(a) li mhux (mhumiex) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni fuq saħħet l-annimali;

(b) f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn jixraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal talanqas it-30 ġurnata ta' qabel;

II.1.7 ġejjin minn qatgħat li:

(a) ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjal kliniku jew raġunijiet biex tkun suspettata xi marda;

([3]) *jew* [(b) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

▼B

**PAJJIŻ** **SRP (tjur għall-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid ta ' għasafar tal-kaċċa għajr l-għasafar li ma jtirux)**

| II. | Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Numru tar-referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|

(3) *or* [(b) tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle permezz ta':

.....

(isem u tip (ħaj jew mhux attivat) tal-varjant tal-vajrus ta' Newcastle użat fil-vaċċin(i))

fl-età ta' ..... ġimgħat;]

(5) [(c) tlaqqmu permezz ta' vaċċini approvati uffiċjalment fi

..... kontra ..... (irrepeti kemm hemm bżonn);]

II.1.8 matul il-perjodu msemmi f'II.1.6 ma kellhomx kuntatt ma' tjur li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat jew ma' għasafar selvaġġi.

II.2. **Garanziji addizzjonali għas-saħħa pubblika**

(6) [Il-programm ta' kontroll tas-Salmonella msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi dwar l-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament (KE) Nru 1177/2006, ġew applikati fuq il-qatgħa tal-oriġini u l-qatgħa ġiet ittestjata għas-serotipi tas-Salmonella ta' importanza għas-saħħa pubblika.

Id-data tal-aħħar teħid ta' kampjuni mill-qatgħa li r-riżultat tal-ittestjar tagħhom hu magħruf: .....

Riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa:

(3)(7) *jew* [pożittiv;]

(3)(7) *jew* [negattiv;]

Għal raġunijiet oħra barra l-programm ta' kontroll tas-Salmonella, fl-aħħar tliet ġimgħat qabel l-importazzjoni:

(3) *jew* [l-antimikrobiċi ma ġewx amministrati fuq it-tjur għall-qatla;]

(3)(8) *jew* [l-antimikrobiċi li ġejjin ġew amministrati fuq it-tjur għall-qatla: .....;]

II.3. **Garanziji addizzjonali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

(9)[II.3.1 fejn il-kunsinna hi intiża għal Stat Membru li l-istejtus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 90/539/KEE, it-tjur deskritti f'dan iċ-ċertifikat ġejjin minn qatgħat li:

(3) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle u għaddew minn eżami seroloġiku għall-preżenza tal-antikorpi tal-marda ta' Newcastle fl-14-il ġurnata qabel il-kunsinna u ttestjaw negattiv;]

(3) *jew* [tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle iżda mhux b'vaċċin ħaj fit-30 ġurnata qabel il-kunsinna u għaddew minn test ta' iżolament tal-vajrus għall-marda ta' Newcastle fl-14-il ġurnata qabel il-kunsinna fuq kampjun bl-addoċċ ta' tajjar bil-ħmieġ jew kampjuni tal-ħmieġ minn talanqas 60 għasfur u ttestjaw negattiv;]

(5)II.3.2 [il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stipulati mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 13 u/jew 14 tad-Direttiva 90/539/KEE, huma provduti:

.....

(9)[II.3.3 jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Iżvezja, it-tjur:

(3) *jew* [għaddew minn test mikrobijoloġiku billi ttieħdu kampjuni mill-istabbiliment tal-oriġini u rriżultaw negattivi skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/410/KE;]

(3) *jew* [ġejjin minn stabbiliment soġġett għal programm rikonoxxut mill-Kummissjoni Ewropea bħala ekwivalenti għall-programm nazzjonali tal-Finlandja jew l-Iżvejza, skont il-każ;]

▼B

**PAJJIŻ**

**SRP (tjur għall-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid ta' għasafar tal-kaċċa għajr l-għasafar li ma jtirux)**

| II. | Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Numru tar-referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|

II.4. **Rekwiżiti addizzjonali tas-saħħa**

([10]) [għalkemm l-użu ta' vaċċini kontra l-marda ta' Newcastle li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifiċi tal-Anness VI(II) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 mhux projbit fi:

([2])([3]) *jew* it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3])([4]) *jew* [il-kumpartiment(i) .....;]

It-tjur desktritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) ma tlaqqmux għal talanqas it-12-il xahar ta' qabel b'dawk itl-vaċċini;

(b) ġejjin minn qatgħa li għaddiet minn test ta' iżolament tal-vajrus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali mhux aktar kmieni minn 14-il ġurnata qabel il-kunsinna fuq kampjun bl-addoċċ ta' tajjar bil-ħmieġ minn talanqas 60 għasfur f'kull qatgħa konċernata u li fiha ma nstabux paramiksovajrusis avjarji b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(c) matul l-aħħar 60 ġurnata qabel il-kunsinna, ma kellhomx kuntatt ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(a) u (b);

(d) inżammu f'iżolament taħt sorveljanza uffiċjali fl-istabbiliment tal-oriġini fil-perjodu ta' 14-il ġurnata msemmi f'(b).]

([11])II.5. **Ċertifikat tal-ġarr ta-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li t-tjur jinġarru f'kannestri jew f'gaġeġ li:

(a) fihom biss tjur tal-istess speċi, kategorija u tip li ġejjin mill-istess stabbiliment;

(b) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti biex tkun evitata kull possibbilità ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(c) barra minn hekk, il-vetturi li jinġarru fihom , huma ddiżinjati biex:

(i) iżommu milli joħroġ xi ħmieġ u jnaqqsu kemm jista' jkun kull telf ta' rix waqt il-ġarr;

(ii) jippermettu li ssir spezzjoni viżiva tat-tjur;

(iii) jippermettu li jsir tindif u diżinfettar;

(d) minbarra dan, il-vetturi li jinġarru fihom, tnaddfu u ġew diżinfettati qabel ma tgħabbew skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

**Noti**

**Parti I:**

— Kaxxa I.8: agħti l-kodiċi għaż-żona jew l-isem tal-kumpartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi tal-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru(i) tar-reġistrazzjoni tal-vaguni tal-ferrovija u tal-vannijiet, l-ismijiet tal-vapuri u, jekk ikunu magħrufa, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ tal-ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill iridu jiġu indikati fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.19: uża l-kodiċi adattat tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija: 01.05 jew 01.06.39.

▼B

**PAJJIŻ**

**SRP (tjur għall-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid ta' għasafar tal-kaċċa għajr l-għasafar li ma jtirux)**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Numru tar-referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Parti II:**

(1) Tjur kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 minbarra l-għasafar li ma jtirux.

(2) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(3) Żomm skont il-każ.

(4) Daħħal l-isem tal-kumpartiment(i).

(5) Imla skont il-każ.

(6) Din il-garanzija tapplika biss għat-tjur li jappartjenu għall-ispeċi ta' *Gallus gallus.*

(7) Jekk xi wieħed mir-riżultati kien pożittiv għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa tal-oriġini indika bħala pożitiv: *Salmonella* Enteritidis, *Salmonella* Typhimurium.

(8) Imla skont il-każ: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi użati.

(9) Għandha titħassar jekk il-kunsinna mhix intiża għall-Finlandja u l-Iżvezja.

(10) Din il-garanzija hi meħtieġa biss għat-tjur li ġejjin minn pajjiżi, territorji, żoni jew kumpartimenti fejn japplika l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(11) Jekk jogħġbok innota li skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 l-annimali se jiġu ċċekkjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex ikun iċċekkjat li huma tajbin biex ikomplu l-vjaġġ wara li jidħlu fil-Komunità. F'każ li r-rekwżiti ma jiġux sodisfatti, l-annimali jridu jinħattu u jittieħdu aktar miżuri.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:"

Timbru: